**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2024**

Rikors Numru: 129/24 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (14/2/2012) bir-Registru Civili skond certifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala Dok A li jgib in-numru tar- registrazzjoni 0279775 u minn dan iz-żwieġ ma kellhomx tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt fil-bgħat ta Dr. William Azzopardi mis-sbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u wihed u għoxrin. (17/05/2021) (Ara Dok B anness).

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikončiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut lejn xulxin hekk kif juri il-kuntratt tas-separazzjoni bejniethom.
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad- divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' April 2024;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Mejju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.